

Brussell, 9 ta' Ġunju 2022  
(OR. fr)

9923/22

SOC 367  
EMPL 247

**NOTA**

---

|          |   |
|----------|---|
| minn:    | Presidenza  |
| lil:     | Delegazzjonijiet  |
| Suġġett: | Miżuri soċjali għall-protezzjoni temporanja ta' persuni spostati mill-Ukrajna<br>- Nota ta' gwida mill-Presidenza |

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuża n-nota ta' gwida mill-Presidenza dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, bil-ħsieb tad-dibattitu fl-ikla ta' nofsinhar fil-Kunsill EPSCO tas-16 ta' Ġunju 2022.

## Kunsill EPSCO – Impjegi u Affarijiet Soċjali

Lussemburgu, 16 ta' Ġunju 2022

### Miżuri soċjali għall-protezzjoni temporanja ta' persuni spostati mill-Ukrajna

Sa mill-bidu tal-aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri mmobilizzaw ruħhom bis-sħiħ biex jiżguraw rispons proporzjonat man-natura serja ta' dawn iċ-ċirkostanzi. Għaldaqstant, fl-24 ta' Frar 2022, il-Kunsill Ewropew ikkundanna din l-aggressjoni bl-aktar mod qawwi u appella għal risponsi rapidi u konkreti<sup>1</sup>.

L-Unjoni Ewropea wkoll uriet reazzjoni qawwija permezz tal-miżuri u s-sanzjonijiet meħuda kontra r-Russja, u l-Istati Membri wrew solidarjetà billi ospitaw aktar minn 6 miljun persuna li qed jaħarbu mill-gwerra, li minnhom 90 % huma nisa u tfal. Aktar minn 3.5 miljun persuna ntlagħu jew għaddew mill-Polonja. Il-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Refuġjati jistma li 2.1 miljun Ukren irritornaw lejn l-Ukrajna. Il-flussi mal-fruntieri issa qed jistabbilizzaw<sup>2</sup>, bir-ritorni lejn l-Ukrajna jkunu ogħla minn dawk li daħlu fl-UE mill-10 ta' Mejju. Il-movimenti rreġistrati issa huma komparabbli ma' dawk tas-snin preċedenti.

---

<sup>1</sup> Dokument 1/22

<sup>2</sup> Skont il-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Refuġjati, huwa stmat li mill-24 ta' Frar 2022 diġà rritornaw lejn l-Ukrajna aktar minn 2.1 miljun Ukren (<https://data.unhcr.org/fr/situations/ukraine>)

## L-inizjattivi stabbiliti

Fit-3 ta' Marzu, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta unanimament l-iskattar immedjat talmekkanizmu previsti fid-Direttiva tal-2001 dwar l-għoti ta' protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influż bil-massa ta' persuni spostati<sup>3</sup>. L-istatus ta' protezzjoni temporanja jipprovdi protezzjoni u drittijiet immedjati, inklużi drittijiet ta' residenza, aċċess għas-suq tax-xogħol, aċċess għall-akkomodazzjoni, assistenza soċjali, assistenza medika, aċċess għall-edukazzjoni għat-tfal, id-dritt għal tutela legali għal minorenni mhux akkumpanjati, u d-dritt għal mezzi ta' sussistenza. Il-Kummissjoni Ewropea bħalissa qed tfejji linji gwida operazzjonali fil-forma ta' Komunikazzjoni dwar l-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali u t-tagħlim għall-adulti.

Sabiex tiċċara dan il-mekkaniżmu u tipprovdi l-aħjar appoġġ possibbli lill-Istati Membri, fit-23 ta' Marzu l-Kummissjoni Ewropea adottat komunikazzjoni dwar linji gwida operattivi għall-implimentazzjoni tal-protezzjoni temporanja<sup>4</sup>. Din il-Komunikazzjoni tipprovdi gwida dwar il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva, l-arranġamenti għall-kura tat-tfal, b'mod partikolari t-tfal mhux akkumpanjati, il-moviment liberu u r-reġistrazzjoni u r-rappurtar. Twaqqfet ukoll pjattaforma ta' solidarjetà biex tikkoordina r-rispons operazzjonali fost l-Istati Membri u biex tiffaċilita l-mobilizzazzjoni tal-istrumenti rilevanti tal-UE.

---

<sup>3</sup> Direttiva 2001/55/KE

<sup>4</sup> Dokument 7439/22

L-ghajjnuna lir-refuġjati mill-Ukrajna biex jintegraw fl-Istati Membri u b'mod partikolari fl-impjiegi, hija prijorità kondiviża mill-Istati Membri. Għalhekk, l-UE mmobilizzat fondi<sup>5</sup>, iffaċilitat ir-rikonossiment tal-kwalifiki professjonali<sup>6</sup> u żgurat id-dritt ta' aċċess għat-taħriġ vokazzjonali sabiex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni tar-refuġjati fis-suq tax-xogħol, skont il-ħtiġijiet tan-negozji fl-Istat Membru li fih ikunu stabbilixxew ruħhom, kif previst fid-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja.

Mill-attivazzjoni tal-protezzjoni temporanja, ġew irreġistrati 2.8 miljun benefiċjarju.

Fl-istess ħin tal-attivazzjoni tal-mekkaniżmu, il-Kummissjoni affermat mill-ġdid l-impenn tagħha lejn il-popolazzjoni Ukrena spostata billi, fit-8 ta' Marzu, adottat Komunikazzjoni dwar is-solidarjetà Ewropea mar-refuġjati u dawk li qed jaħarbu mill-gwerra fl-Ukrajna<sup>7</sup>. L-Unjoni Ewropea qed taħdem ukoll biex timmobilizza firxa ta' fondi biex tindirizza l-ħtiġijiet ta' finanzjament tal-Ukrajna u tħejji għar-rikostruzzjoni tagħha<sup>89</sup>.

---

<sup>5</sup> Fil-kuntest tal-"Azzjoni ta' Koeżjoni għar-Refuġjati fl-Ewropa" (l-inizjattiva CARE), l-emendi għar-regolamenti eżistenti ffukaw fuq l-għoti ta' aktar flessibbiltà lill-Istati Membri biex jimmobilizzaw malajr fondi li ma ntefqux mill-perjodu ta' programmazzjoni 2014-2020, inkluż il-Fond Soċjali Ewropew (FSE).

<sup>6</sup> Pereżempju, ir-Rakkomandazzjoni (UE) 2022/554 tal-5 ta' April 2022 dwar ir-rikonossiment tal-kwalifiki għan-nies li qed jaħarbu mill-invażjoni tar-Russja tal-Ukrajna jew il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-attrazzjoni tal-ħiliet u t-talent lejn l-Unjoni Ewropea (ST 8556/22).

<sup>7</sup> Dokument 7027/22

<sup>8</sup> Proposta emendata għal Regolament li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1303/2013 u r-Regolament (UE) Nru 223/2014 fir-rigward taż-żieda fil-prefinanzjament mir-riżorsi REACT-EU.

<sup>9</sup> Komunikazzjoni (COM(2022)233 final) tat-18 ta' Mejju 2022 dwar l-ghajjnuna lill-Ukrajna u r-rikostruzzjoni tagħha.

B'segwitu għal dawn il-miżuri, il-pjan ta' 10 punti ppreżentat fil-laqgħa straordinarja tal-Ministri tal-affarijiet interni tat-28 ta' Marzu għal koordinazzjoni Ewropea aktar mill-qrib dwar l-akkoljenza ta' persuni li qed jaħarbu miż-żona ta' kunflitt, huwa l-pjan direzzjonali għall-għajnuna Ewropea.

### **Miżuri għall-akkoljenza u l-protezzjoni ta' persuni vulnerabbli**

L-influss massiv ta' refuġjati, l-aktar nisa waħedhom jew bit-tfal, jesponi lin-nies li qed jaħarbu mill-kunflitt għal riskji kbar relatati mat-traffikar ta' bnedmin, l-adozzjonijiet illegali, l-isfruttament sesswali u l-istupru. F'dan il-kuntest, ir-rispett tad-drittijiet soċjali l-aktar bażiċi jsir kemm dmir kif ukoll sfida għall-Istati Membri kollha li għandhom ir-responsabbiltà li jiproteġu l-popolazzjonijiet l-aktar vulnerabbli, b'mod partikolari t-tfal u l-minorenni mhux akkumpanjati, l-anzjani, il-persuni b'diżabilità u l-popolazzjonijiet Rom.

F'dan il-kuntest, il-Pjattaforma Ewropea ta' Solidarjetà adottat pjan għall-ġlieda kontra t-traffikar ta' bnedmin. Dan jistabbilixxi linji gwida fil-livell Ewropew u tal-Istati Membri għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar, iżda wkoll għall-identifikazzjoni, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tat-traffikar. Fit-13 ta' Mejju, il-Kummissjoni ħabbret ukoll l-allokazzjoni ta' EUR 1.5 miljun għal proġett speċifiku biex jappoġġa l-Fond tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Popolazzjoni (UNFPA) biex jgħin lin-nisa u l-bniet fl-Ukrajna billi jipprovdi servizzi tas-saħħa sesswali u dik riproduttiva.

Madankollu, l-isfidi jibqgħu importanti għall-Istati Membri biex jipprevjenu u jiġġieldu kontra r-riskji ta' sfruttament u vjolenza, b'mod partikolari kontra n-nisa u l-bniet, u biex jiżguraw appoġġ mediku adegwat f'termini ta' drittijiet sesswali u riproduttivi għall-vittmi ta' vjolenza sesswali u stupru.

Fl-aħħar laqgħa straordinarja tiegħu fit-30 ta' Mejju, il-Kunsill Ewropew afferma mill-ġdid l-appoġġ tiegħu għall-Ukrajna u d-determinazzjoni tiegħu li jilqa' u jipprovdi sigurtà lir-refuġjati, inkluż billi jassisti lill-pajjiżi ġirien<sup>10</sup>.

F'dak li jirrigwarda speċifikament lit-tfal, sa minn Marzu 2022, il-Kummissjoni Ewropea appellat lill-Istati Membri biex iqisu s-sitwazzjoni speċifika tat-tfal refuġjati Ukreni fil-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-implimentazzjoni tal-Garanzija Ewropea għat-Tfal. Fil-konklużjonijiet tiegħu dwar l-Istrateġija tal-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, approvati fid-9 ta' Ġunju 2022, il-Kunsill iffoka l-aktar fuq riskji u miżuri speċifiċi għat-tfal f'sitwazzjonijiet ta' emerġenza jew ta' kriżi.

Barra minn hekk, l-Ukrajna appellat lil għadd kbir ta' Stati Membri biex jiffirmaw memorandum ta' kooperazzjoni dwar il-protezzjoni soċjali ta' tfal spostati temporanjament li huma vittmi ta' azzjonijiet militari u kunflitt armat. L-Istati Membri kkoordinaw ir-reazzjonijiet tagħhom, kemm fil-livell nazzjonali abbażi tal-linji gwida proposti mill-Kummissjoni Ewropea kif ukoll, b'mod komplementari, fil-livell tal-Unjoni. Għalhekk qed jiġi diskuss abbozz ta' pożizzjoni politika tal-Kunsill, li jirreferi b'mod partikolari għall-istrumenti Ewropej u internazzjonali applikabbli, li kapaċi jiżguraw qafas effettiv biex jieħu ħsiebhom. B'mod partikolari, dan id-dokument ser iħeġġeġ lill-Istati Membri jsaħħu l-kooperazzjoni transfruntiera tagħhom għall-benefiċċju tat-tfal u jipprovduhom is-servizzi u l-kura li jeħtieġu mingħajr ħlas.

B'segwitu għad-dibattitu li sar fil-Kunsill EPSCO preċedenti fl-14 ta' Marzu, il-Presidenza tipproponi skambju ġdid ta' fehmiet dwar id-diversi Prattiki mibdija fil-livell nazzjonali biex jiġu difiżi d-drittijiet soċjali tar-refuġjati mill-Ukrajna u biex tiġi promossa l-integrazzjoni sħiħa tagħhom fis-soċjetà.

---

<sup>10</sup> Dokument 21/22

F'dan il-kuntest, il-Ministri huma mistiedna jwieġbu l-mistoqsijiet li ġejjin:

- X'azzjonijiet konkreti ttieħdu f'pajjżek skont il-miżuri soċjali previsti mid-Direttiva dwar il-Protezzjoni Temporanja biex tiġi ffaċilitata l-akkoljenza tar-refuġjati mill-Ukrajna, b'mod partikolari fir-rigward tan-nisa u t-tfal?
- Kif tista' tiġi promossa l-integrazzjoni tar-refuġjati, b'mod partikolari n-nisa, fis-suq tax-xogħol tal-Istati Membri ospitanti u l-protezzjoni tad-drittijiet soċjali tar-refuġjati?
- Liema inizjattivi oħra jistgħu jiġu previsti biex tiġi promossa l-integrazzjoni soċjali tal-popolazzjonijiet ta' refuġjati l-aktar vulnerabbli?